**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 12 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**Sabka Georgieva**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata Sabka Georgieva detentrici tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 645967129 u Personal Pin Number Bulgaru 9309205077, giet akkuzata talli nhar l-10 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-16.55hrs minn gewwa l-Arkadia Food Express Supermarket, f'San Giljan;

1. Serqet telefon cellulari tad-ditta Apple I phone 6, ghad-detriment ta' Adreina Del Franco u/jew persuni ohra. Tali serq huwa aggravat bil-valur; (Art. 267 u 279 (a) Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);

2. Xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'qerq, jew akkwistati b'reat, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom; (Art. 334, Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-udjenza ta' llum stess, wara l-qari ta` l-akkuzi bil-gurament, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha, f'liema ammissjoni hija baqghet tippersisti anki wara li inghatati z-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Ufficjal Prosekutur u tad-difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni tas-serq migjuba kontra taghha tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja tagha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima;
b. l-ammissjoni bikrija;
c. il-fatt li fl-udjenza tal-lum stess l-imputata ghaddiet lill-prosekuzzjoni is-somma ta' tmin mitt Ewro (€800) sabiex dawn jghaddu ghand il-vittma Adreina Del Franco bhala kumpens ghat-telf tac-cellulari misruq.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak ivverballizzat mill-prosekuzzjoni illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel.

Qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. L-Qorti qieset sew xi

jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9. Dan hu wiehed minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hatja permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 267, 279(a), 334 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, fuq ammissjoni taghha stess issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u tikkundannaha ghal sena prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel.

Il-Qorti tat lill-hatja l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr Ian Farrugia LL.D
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur